

It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2016

P8_TA(2016)0247

L-Alleanza l-Ġdida għas-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar l-Alleanza l-Ġdida għas-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni (2015/2277(INI))

(2018/C 086/02)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra s-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u d-dokument ta' eżitu adottat mill-Assemblea Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2015, intitolat "It-Trasformazzjoni tad-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli", u b'mod partikolari l-Għan 2 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) stipulat fih, jiġifieri l-qerda tal-ġuħ, il-kisba ta' sigurtà alimentari u ta' nutrizzjoni mtejba u l-promozzjoni ta' agrikoltura sostenibbli ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi bejn il-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Programm Komprensiv għall-Iżvilupp tal-Agrikoltura fl-Afrika (CAADP) li ntlaħaq qbil dwaru mill-Unjoni Afrikana (UA) fl-2002 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra s-summit tal-Kapijiet tal-Istati tal-UA li sar f'Maputo (il-Mozambique) fl-2003, fejn il-gvernijiet tal-UA qablu li jinvestu aktar minn 10 % tal-allokkazzjonijiet baġitarji nazzjonali tagħhom fis-settur tal-agrikoltura ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-assemblea tal-Kapijiet tal-Istati u l-Gvernijiet tal-UA ta' Lulju 2012, li identifikat is-sena 2014 bħala s-"Sena tal-Agrikoltura u s-Sigurtà Alimentari fl-Afrika" ⁽⁵⁾, biex jiġi ċelebrat l-għaxar anniversarju mill-adozzjoni tas-CAADP,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni dwar "L-Aċċelerazzjoni tat-Tkabbir Agrikolu u t-Trasformazzjoni għal Prosperità Kondiviża u Għajxien Aħjar", adottata fis-27 ta' Ġunju 2014 mis-summit tal-Kapijiet tal-Istati tal-UA li sar f'Malabo (il-Guinea Ekwatorjali), u li fiha l-gvernijiet tal-UE reġgħu impenjaw ruħhom li jallokaw mill-inqas 10 % tal-infiq pubbliku għall-agrikoltura ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Inizjattiva ta' L'Aquila dwar is-Sigurtà Alimentari mnedija mill-G8 fl-2009 ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Qafas u l-Linji Gwida għall-Politika dwar l-Art fl-Afrika, adottati mill-Konferenza Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura, l-Art u l-Bhejjem li saret f'April 2009 f'Addis Ababa (l-Etjopja) ⁽⁸⁾, kif ukoll id-dikjarazzjoni dwar "Il-Problemi u l-Isfidi relatati mal-Art fl-Afrika" ⁽⁹⁾, adottata mill-Kapijiet tal-Istati tal-UA fis-summit li sar f'Sirte (il-Libja) f'Lulju 2009, fejn ħeġġew biex il-Qafas u l-Linji Gwida msemija hawn fuq jiġu implimentati b'mod effikaċi,
- wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida dwar l-Investimenti f'Art fuq Skala Kbira fl-Afrika, adottati mill-Konferenza Konġunta tal-UA tal-Ministri għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali, is-Sajd u l-Akkwakultura, li ltaqgħet f'Addis Ababa fl-1 u t-2 ta' Mejju 2014 ⁽¹⁰⁾,

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU A/RES/70/1.

⁽²⁾ NU FCCC/CP/2015/L.9/Rev.1.

⁽³⁾ <http://www.nepad.org/system/files/caadp.pdf>.

⁽⁴⁾ Assemblea/UA/Dikjarazzjoni 7(II).

⁽⁵⁾ Assemblea/UA/Dikjarazzjoni 449(XIX) .

⁽⁶⁾ Assemblea/UA/Dikjarazzjoni 1(XXIII)

⁽⁷⁾ <http://www.ifad.org/events/g8/statement.pdf>

⁽⁸⁾ <http://www.uneca.org/publications/framework-and-guidelines-landpolicy-africa>

⁽⁹⁾ Assemblea/UA/Dikjarazzjoni 1(XIII) Rev. 1

⁽¹⁰⁾ <http://www.uneca.org/publications/guiding-principles-large-scale-land-based-investments-africa>

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Mejju 2013 mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Afrikani, "Il-Modernizzazzjoni tal-Agricoltura Afrikana – Min se jgawdi?" ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Djimini tat-13 ta' Marzu 2014 minn organizzazzjonijiet ta' azjendi agricoli żgħar mill-Afrika tal-Punent ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-"Linji Gwida Volontarji tal-FAO għas-sostenn tar-realizzazzjoni progressiva tad-dritt għal alimentazzjoni adegwata fil-kuntest tas-sigurtà alimentari nazzjonali", tal-2004 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-2009 mill-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Għarfien, Xjenzi u Teknoloġiji Agricoli għall-Iżvilupp (IAASTD), "L-agricoltura f'salib it-toroq" ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966 ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) tal-1979 ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli tal-1987 ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni tal-2007 ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra l-Prinċipji u l-Linji Gwida Bażiċi tan-NU dwar l-iżgumbramenti u l-ispostamenti kkawżati mill-iżvilupp tal-2007 ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, approvati mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2011 ⁽¹⁰⁾, kif ukoll il-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali, aġġornati fl-2011 ⁽¹¹⁾,
- wara li kkunsidra s-Šhubija ta' Busan tal-2011 favur Kooperazzjoni Effikaċi għall-Iżvilupp ⁽¹²⁾,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida Volontarji tal-2012 dwar Governanza Responsabbli tad-Dritt għaż-Żamma tal-Art, iż-Żoni tas-Sajd u l-Foresti ⁽¹³⁾,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (minn hawn, 'il-Konvenzjoni tal-UPOV') tal-1991 ⁽¹⁴⁾,
- wara li kkunsidra t-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u Agricoltura tal-2001 ⁽¹⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tal-1992 u l-Protokoll assoċjat ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza tal-2000 u l-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Access għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom tal-2010 ⁽¹⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-liġi mudell Afrikana dwar il-Bijosikurezza ⁽¹⁷⁾,

⁽¹⁾ <http://acbio.org.za/modernising-african-agriculture-who-benefits-civil-society-statement-on-the-g8-agra-and-the-african-unions-caadp/>

⁽²⁾ https://www.grain.org/bulletin_board/entries/4914-djimini-declaration

⁽³⁾ <http://www.fao.org/docrep/009/y7937e/y7937e00.htm>

⁽⁴⁾ <http://www.unep.org/dewa/Assessments/Ecosystems/IAASTD/tabid/105853/Defa>

⁽⁵⁾ https://treaties.un.org/pages/ViewDetails.aspx?src=IND&mtsg_no=IV-4&chapter=4&lang=en

⁽⁶⁾ <http://www.un.org/womenwatch/daw/cedaw/>

⁽⁷⁾ <http://www.achpr.org/instruments/achpr/>

⁽⁸⁾ http://www.un.org/esa/socdev/unpfii/documents/DRIPS_en.pdf

⁽⁹⁾ <http://www.ohchr.org/EN/Issues/Housing/Pages/ForcedEvictions.aspx>

⁽¹⁰⁾ <https://www.unglobalcompact.org/library/2>

⁽¹¹⁾ <http://www.oecd.org/corporate/mne/oecdguidelinesformultinationalenterprises.htm>

⁽¹²⁾ <http://www.oecd.org/development/effectiveness/busanpartnership.htm>

⁽¹³⁾ <http://www.fao.org/nr/tenure/voluntary-guidelines/en/>

⁽¹⁴⁾ <http://www.upov.int/upovlex/en/conventions/1991/content.html>

⁽¹⁵⁾ <http://www.planttreaty.org/>

⁽¹⁶⁾ <https://www.cbd.int/>

⁽¹⁷⁾ <http://hrst.au.int/en/biosafety/modellaw>

It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2016

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni dwar leġiżlazzjoni rigward l-art għas-sovranità alimentari, adottata mill-Assemblea Parlamentari tal-Pajjiżi Frankofoni tat-12 ta' Lulju 2012 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni dwar l-impatti soċjali u ambjentali tal-pastoraliżmu għall-pajjiżi AKP, adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE f'Addis Ababa fis-27 ta' Novembru 2013 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Qafas ta' politika tal-UE biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel" ⁽³⁾, adottata fil-31 ta' Marzu 2010, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas politiku adottati fl-10 ta' Mejju 2010 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2013 dwar is-sigurtà tal-ikel u n-nutrimenti ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar in-Nutrizzjoni ta' Lulju 2014 ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011 dwar qafas ta' politika tal-UE biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-approċċ tal-UE fir-rigward tar-reżiljenza u t-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw: tagħlim mill-kriżi tas-sigurtà tal-ikel ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2014 dwar ir-rwol tad-drittijiet tal-proprjetà, is-sjieda tal-proprjetà u l-ħolqien tal-ġid fil-qerda tal-faqar u t-trawwim ta' żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2015 dwar it-Tanzanija, b'mod partikolari l-kwistjoni tal-appropriazzjoni tal-art ⁽¹⁰⁾,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Konverġenza Globali tat-Taqbid għall-Art u l-Ilma, maħruġa fil-Forum Soċjali Dinji f'Tuneż f'Marzu 2015 ⁽¹¹⁾;
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' April 2015 dwar l-Expo Milano 2015: Ikel għall-Pjaneta, Enerġija għall-Ħajja ⁽¹²⁾,
- wara li kkunsidra t-Talbiet tas-Soċjetà Ċivili Afrikana għall-Inklużjoni tas-Sovranità Alimentari u d-Dritt għall-Ikel fl-Aġenda tal-Presidenza tal-G7 Ġermaniża f'Ġunju 2015 ⁽¹³⁾,
- wara li kkunsidra l-Karta ta' Milan ⁽¹⁴⁾, li ġiet ippreżentata fl-Expo 2015 bit-tema "Ikel għall-Pjaneta, Enerġija għall-Ħajja" u li għabt aktar minn miljun firma ta' kapijiet ta' stati, gvernijiet u individwi privati, u li tappella lill-assoċjazzjonijiet, l-intrapriżi, l-istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali u l-individwi privati kollha biex jassumu r-responsabilità biex jiżguraw li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jgawdu d-dritt tagħhom għall-ikel u tinkludi impenji vinkolanti biex dak id-dritt jiġi ggarantit madwar id-dinja kollha,

⁽¹⁾ http://apf.francophonie.org/IMG/pdf/2012_07_session_58_Resolution_Regulation_du_foncier.pdf

⁽²⁾ ĠU C 64, 4.3.2014, p. 31.

⁽³⁾ COM(2010)0127.

⁽⁴⁾ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/foraff/114357.pdf

⁽⁵⁾ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/EN/foraff/137318.pdf

⁽⁶⁾ SWD(2014)0234.

⁽⁷⁾ ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 75..

⁽⁸⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0578.

⁽⁹⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0250.

⁽¹⁰⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0073.

⁽¹¹⁾ <http://viacampesina.org/en/index.php/main-issues-mainmenu-27/agrarian-reform-mainmenu-36/1775-declaration-of-the-global-convergence-of-land-and-water-struggles>

⁽¹²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0184.

⁽¹³⁾ <http://afsafrica.org/wp-content/uploads/2015/05/AFSA-Demands-to-the-Germany-G7-Presidency-Agenda.pdf>

⁽¹⁴⁾ http://carta.milano.it/wp-content/uploads/2015/04/English_version_Milan_Charter.pdf

- wara li kkunsidra l-fatt li l-Kumitat tan-NU dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija hu l-forum adegwat fejn jintlaħaq qbil rigward gwida politika dwar din il-kwistjoni fuq livell internazzjonali u li hu f'dan il-forum li l-partijiet ikkonċernati kollha jistgħu jsemmgħu leħinhom;
 - wara li kkunsidra l-Patt ta' Milan dwar il-Politika Alimentari Urbana tal-15 ta' Ottubru 2015 ⁽¹⁾ li tressaq mill-Kunsill tal-Belt ta' Milan u ġie ffirmat minn 113-il belt madwar id-dinja, u li ġie ppreżentat lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, Ban Ki-moon, u li jixhed ir-rwol kruċjali li jiżvolġu l-bliet fit-tfassil tal-politiki alimentari,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2016 dwar is-sitwazzjoni fl-Etjopja ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra s-seduta ta' smiġh pubbliku dwar l-Alleanza l-Ġdida għas-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni organizzata mill-Kumitat għall-Iżvilupp tiegħu fl-1 ta' Diċembru 2015 ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-istudju "L-Alleanza l-Ġdida għas-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni fl-Afrika" tal-Professor Olivier de Schutter, ikkommissjonat mill-Kumitat għall-Iżvilupp tiegħu u ppubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tiegħu f'Novembru 2015 ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0169/2016),
- A. billi l-Alleanza l-Ġdida għas-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni fl-Afrika (minn hawn, 'l-Alleanza') għandha l-għan li ttejjeb is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni billi tgħin lil 50 miljun ruħ fl-Afrika sub-Saħarjana joħorġu mill-faqar sal-2020; billi l-pajjiżi parteċipanti nnegozjaw Oqfsa ta' Kooperazzjoni għall-Pajjiżi li jistabbilixxu l-impenji biex jiffaċilitaw l-investiment privat fis-settur agrikolu fl-Afrika;
 - B. billi l-investiment fil-biedja fuq skala żgħira ġie ttraskurat matul dawn l-aħħar tletin sena fl-Afrika, filwaqt li d-dipendenza tal-pajjiżi b'introjtu baxx fuq l-importazzjonijiet tal-ikel żdiedet b'mod sinifikanti, biex b'hekk saru vulnerabbli għall-varjazzjonijiet fil-prezzijiet fuq is-swieq internazzjonali;
 - C. billi hemm ir-riskju li s-sħubijiet pubbliċi-privati kbar joħlqu pożizzjonijiet dominanti għall-kumpaniji agrikoli kbar fl-agrikoltura Afrikana li jhonqu lin-negozji lokali;
 - D. billi l-investiment privat taħt l-Alleanza laħaq aktar minn 8,2 miljun operaturi agrikoli żgħar u ħoloq aktar minn 21 000 impjeg, li aktar minn nofshom huma għan-nisa;
 - E. billi l-kriżi alimentari tal-2008 ġġenerat ir-rikonoxximent universali tal-ħtieġa li jingħata appoġġ lill-produzzjoni alimentari minn operaturi agrikoli żgħar għas-swieq domestiċi;
 - F. billi t-tnedija tal-programmi ta' aġġustament strutturali fil-bidu tas-snin tmenin ikkontribwiet għall-iżvilupp ta' agrikoltura mmexxija mill-esportazzjoni fejn il-prijorità nġhatat biex tiżdied il-produzzjoni ta' wċuħ tar-raba' għall-bejgħ fis-swieq globali; billi din l-għażla ffavorixxiet forom ta' produzzjoni fuq skala kbira, b'kapitalizzazzjoni għolja u mekkanizzata, filwaqt li, kumparattivament, il-biedja fuq skala żgħira ġiet ittraskurata;
 - G. billi s-swieq internazzjonali se jkunu aktar volatili fil-gejġieni; billi l-pajjiżi m'għandhomx jieħdu r-riskju li jkunu jiddependu wisq fuq l-importazzjonijiet, iżda għandhom, minflok, jinvestu prinċipalment fil-produzzjoni alimentari domestika biex jibnu r-reżiljenza;
 - H. billi jeħtieġ li l-bdiewa familjari u l-operaturi agrikoli żgħar ikunu fil-qalba tal-Alleanza;
 - I. billi s-sigurtà alimentari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-biċċa l-kbira tiddependi fuq l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;

⁽¹⁾ <http://www.foodpolicymilano.org/wp-content/uploads/2015/10/Milan-Urban-Food-Policy-Pact-EN.pdf>

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2016)0023.

⁽³⁾ <http://www.europarl.europa.eu/committees/mt/deve/events.html?id=20151201CHE00041>

⁽⁴⁾ [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2015/535010/EXPO_STU\(2015\)535010_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2015/535010/EXPO_STU(2015)535010_EN.pdf)

It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2016

- J. billi l-hekk imsejħa "poli ta' tkabbir" għandhom l-għan li jattiraw lill-investituri internazzjonali billi jqiegħdu l-art għad-dispożizzjonijiet tal-kumpaniji privati kbar, u billi dan ma jistax isir għad-detriment tal-biedja familjari;
- K. billi l-ftehimiet dwar l-Alleanza ma jinkludu l-ebda indikatur konkret dwar il-ġuħ u l-malnutrizzjoni;
- L. billi l-bdiewa familjari u l-operaturi agrikoli żgħar urew il-kapaċità tagħhom li jipprovdu prodotti diversifikati u jżidu l-produzzjoni alimentari b'mod sostenibbli permezz ta' prattiki agroekoloġiċi;
- M. billi l-monokulturi jżidu d-dipendenza fuq il-fertilizzanti u l-pestiċidi kimiċi, iwasslu għal degradazzjoni enormi tal-art u jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima;
- N. billi l-agrikoltura tirrapreżenta mill-inqas 14 % tal-emissjonijiet annwali totali tal-gassijiet bl-effett ta' serra, prinċipalment minħabba l-użu ta' fertilizzanti nitrogenati;
- O. billi jeżistu forum differenti tad-dritt għaż-żamma ta' art (konswetudinarju, pubbliku u privat), iżda l-Alleanza tirreferi kważi esklużivament għall-għoti ta' titoli għal art biex tindirizza d-drittijiet għaż-żamma ta' art;
- P. billi, sal-2050, 70 % tal-popolazzjoni dinjija se tkun qed tgħix fil-bliet u se jkun hemm bżonn aktar minn qatt qabel ta' approċċ magħqud fil-livelli lokali u globali lejn in-nutrizzjoni;
- Q. billi l-għoti ta' titoli għal art mhuwiex l-unika garanzija kontra l-esproprjazzjoni tal-art u r-risistemazzjoni;
- R. billi d-dimensjoni tal-ġeneri hi element importanti ħafna tal-investment fl-agrikoltura fl-Afrika; billi ilha ssir diskriminazzjoni kontra n-nisa rurali fir-rigward tal-aċċess għal firxa ta' riżorsi produttivi, inkluża l-art, il-kreditu, il-fatturi produttivi u s-servizzi;
- S. billi, sa ftit ilu, l-appoġġ ipprovdut għall-agrikoltura kien ikkonċentrat fuq l-uċuħ għall-esportazzjoni ġestiti mill-irġiel, filwaqt li fil-biċċa l-kbira in-nisa tħallew jieħdu ħsieb il-kompitu li jipproduċu l-ikel għall-għajxien tal-familja;
- T. billi l-istima tal-FAO hi li ntilfet madwar 75 % tad-diversità ġenetika tal-pjanti madwar id-dinja; billi l-erożjoni ġenetika fuq skala kbira żżid il-vulnerabilità tagħna għat-tibdil fil-klima u għall-feġġ ta' pesti u mard ġodda;
- U. billi l-kontroll, is-sjeda u l-affordabilità taż-żrieragħ huma essenzjali għar-reżiljenza tal-bdiewa fqar fir-rigward tas-sigurtà alimentari;
- V. billi d-dritt tal-bdiewa li jkattru, jużaw, jiskambjaw u jbiegħu ż-żrieragħ tagħhom stess għandu jiġi protett;
- W. billi t-titjib tal-lakuni fin-nutrizzjoni fl-Afrika hu ċentrali għall-aġenda għall-iżvilupp sostenibbli; billi nutrizzjoni fqira tirriżulta minn interazzjoni ta' diversi proċessi relatati mal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, is-sanità u l-iġjene, l-aċċess għar-riżorsi, l-emanċipazzjoni tan-nisa u oħrajn;
- X. billi l-impenni li ttieħdu skont il-Qafas ta' Kooperazzjoni għall-Pajjiżi rigward ir-riformi regolatorji fis-settur taż-żrieragħ għandhom l-għan li jsaħħu d-drittijiet tan-nissela tal-pjanti askapitu tas-sistemi attwali ta' żrieragħ tal-bdiewa li fil-biċċa l-kbira għadhom jiddependu fuqhom l-ifqar bdiewa;

L-investment agrikolu fl-Afrika u t-tweqqiq tal-SDGs

1. Jinnota li diversi Oqfsa ta' Kooperazzjoni għall-Pajjiżi jiffokaw fuq l-iżvilupp ta' żoni ekonomiċi speċjali bl-għan li jimmassimizzaw l-investimenti permezz ta' inizzjattivi li jvarjaw minn infrastruttura stradali jew enerġetika sa reġimi fiskali, doganali, jew li jirregolaw id-dritt għaż-żamma ta' art; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess għall-ilma u tiġi żgurata l-konċentrazzjoni fuq, li tiġi estiża l-edukazzjoni fil-qasam tan-nutrizzjoni u li jiġu kondiviżi l-istrateġiji tal-aħjar prattiki;

2. Josserva li l-politiki dwar l-investment fl-agrikoltura fil-biċċa l-kbira jiffokaw fuq l-akkwisti ta' art fuq skala kbira u fuq l-agrikoltura orjentata lejn l-esportazzjoni li normalment ma jkollhiex x'taqsam mal-ekonomija lokali; jinnota li l-iżvilupp ta' irrigazzjoni estensiva fiż-żoni ġeografiċi ta' investment immirat tal-Alleanza jistgħu jnaqqsu d-disponibilità tal-ilma għall-utenti l-oħra, bħall-bdiewa fuq skala żgħira jew il-komunitajiet pastorali; jisħaq fuq il-fatt li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ li l-kapaċità tas-sħubijiet pubbliċi privati ta' daqs enormi biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar u s-sigurtà alimentari tiġi vvalutata b'mod kritiku u tittejjeb; jenfasizza li l-politiki dwar l-investment agrikolu għandhom jiġu kkolligati mal-iżvilupp tal-ekonomija lokali, inklużi l-operaturi agrikoli żgħar u l-biedja familjari, u għandhom jappoġġawh; ifakkar li l-Linji Gwida tal-FAO dwar id-Dritt għaż-Żamma ta' Art jirrakkomandaw li jkun hemm aċċess sigur għall-art sabiex il-familji jkunu jistgħu jipproduċu l-ikel għall-konsum domestiku u jżidu l-introjt domestik tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-investment f'art fuq skala kbira fl-Afrika jiġi bbażat fuq dawn il-linji gwida, b'mod li b'hekk jiġi żgurat l-aċċess għall-art min-naħa tal-operaturi agrikoli żgħar u l-komunitajiet lokali, jiġi promoss l-investment mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju lokali u jiġi żgurat li s-sħubijiet pubbliċi-privati jikkontribwixxu għas-sigurtà alimentari u għat-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza;
3. Jirrimarka li l-proċess deċiżjonali fil-qafas ta' kooperazzjoni ma involviex lill-partijiet interessati kollha, iżda minflok eskluda, fost l-oħrajn, lill-komunitajiet rurali, lill-ħaddiema agrikoli, lill-bdiewa fuq skala żgħira, lis-sajjeda u lill-popli indiġeni, u injora d-dritt tagħhom li jipparteċipaw;
4. Jiddeplora l-fatt li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Afrikana ma ġewx ikkonsultati fit-tneċċja tal-Alleanza; jisħaq fuq il-fatt li l-parteċipazzjoni tal-gruppi mingħajr sigurtà alimentari fil-politiki li jaffettwawhom għandha ssir il-pedament tal-politiki kollha dwar is-sigurtà alimentari;
5. Jirrimarka li l-Alleanza impenjat ruħa favur il-promozzjoni ta' tkabbir inklużiv u bbażat fuq l-agrikoltura li jappoġġa l-biedja fuq skala żgħira u jgħin fit-tnaqqis tal-faqar, il-ġuħ u n-nutrizzjoni inadegwata; jisħaq, għal dan l-għan, fuq il-fatt li jeħtieġ li l-Alleanza trażżan sa kemm ikun possibbli l-użu tal-fertilizzanti u l-pestiċidi kimiċi, minħabba l-konsegwenzi tagħhom fuq is-saħħa u fuq l-ambjent għall-komunitajiet lokali, bħat-telf tal-bijodiversità u l-erożjoni tal-ħamrija;
6. Jikkritika l-preżunzjoni li l-investment korporattiv fl-agrikoltura awtomatikament itejjeb is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni u jnaqqas il-faqar;
7. Jinnota r-rapport tal-G20 tal-2011, li saħaq fuq il-fatt li jista' jkun li l-investment li jsir b'finijiet fiskali jirriżulta tranżitorju; ifakkar li għadd ta' sħarriġ dwar il-motivazzjoni tal-investituri wera li l-inċentivi fiskali speċjali jkollhom impatt newtrali jew negattiv fuq id-deċiżjonijiet biex isir investment ⁽¹⁾;
8. Jinnota li l-inċentivi fiskali, inkluża l-eżenzjoni mit-taxxa tal-kumpanji fiż-Żoni Ekonomiċi Speċjali, qegħdin iċaħħdu lill-istati Afrikani mid-dħul fiskali li seta' kien sors ta' investment pubbliku vitali fl-agrikoltura, speċjalment fil-programmi għas-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni ⁽²⁾;
9. Jappella lill-gvernijiet u lid-donaturi biex jissospendu jew jeżaminaw mill-ġdid il-politiki, il-proġetti u l-arranġamenti ta' konsulenza kollha li direttament jinkoraggiwxu u jiffaċilitaw il-ħtif tal-art billi jappoġġaw proġetti u investimenti dannużi ħafna jew li indirettament iżidu l-pressjoni fuq l-art u r-riżorsi naturali u jistgħu jirriżultaw fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem; jappella biex minflok l-appoġġ jingħata lill-politiki li jipproteġu u jagħtu l-prijorità lill-produtturi tal-ikel fuq skala żgħira, speċjalment dawk nisa, u li jippromwovu l-użu sostenibbli tal-art;
10. Iwissi biex fl-Afrika ma jiġix irreprikat il-mudell Asjatiku ta' 'Rivoluzzjoni Ħadra' tas-sittinijiet u jiġu injorati l-impatti soċjali u ambjentali negattivi tiegħu; ifakkar li l-SDGs jinkludu l-għan tal-promozzjoni tal-agrikoltura sostenibbli, li għandu jinkiseb sal-2030;
11. Jinnota bi tħassib li, fil-Malawi, l-Alleanza qed tippromwovi l-espansjoni tal-produzzjoni tat-tabakk minflok ma tappoġġa t-tipi ta' għajxien alternattivi bi qbil mal-obbligi taħt il-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tal-2005 u l-impenni li ttieħdu fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;

⁽¹⁾ Mwachinga, E. (Tim għas-Semplifikazzjoni Fiskali Globali, Grupp tal-Bank Dinji), "Ir-riżultati tal-istħarriġ dwar il-motivazzjoni tal-investituri mwettaq fil-Komunità tal-Afrika tal-Lvant", preżentazzjoni mogħtija f'Lusaka fit-12 ta' Frar 2013.

⁽²⁾ "Appoġġ għall-iżvilupp ta' sistemi fiskali aktar effikaċi" – Rapport lill-grupp ta' ħidma tal-G20 mill-FMI, l-OECD u l-Bank Dinji, 2011.

It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2016

12. Ihegġegħ lill-Istati Membri tal-UE jagħmlu hilitom sabiex jittrasformaw l-Alleanza f'għodda ġenwina favur l-iżvilupp sostenibbli u fi strument ta' appoġġ għall-biedja familjari u l-ekonomiji lokali fl-Afrika sub-Saħarjana, filwaqt li jfakkar li l-bdiewa familjari u l-operaturi agrikoli zġhar jipproduċu madwar 80 % tal-ikel tad-dinja u jipprovdu 'l fuq minn 60 % tal-impjiegi fir-reġjun;

13. Jinnota bi tħassib li l-Oqfsa ta' Kooperazzjoni għall-Pajjiżi jirreferu biss b'mod selettiv għall-istandards internazzjonali li jiddefinixxu l-investment responsabbli fl-agrikoltura, u li la jirreferu għal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO tal-2004 għas-sostenn tar-realizzazzjoni progressiva tad-dritt għal alimentazzjoni adegwata fil-kuntest tas-sigurtà alimentari nazzjonali u lanqas għal kwalunkwe dmir min-naħa tal-investituri privati li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem;

14. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, li meqjusa flimkien huma l-akbar donatur ta' għajjnuna għall-iżvilupp fid-dinja, biex:

- jiżguraw li l-investituri bbażati fl-UE jirrispettaw, u jinkoraġġixxu lis-sħab l-oħra fl-alleanza biex jirrispettaw id-drittijiet tal-komunitajiet lokali u l-ħtiġijiet tal-azjendi agrikoli zġhar, billi jsegwu approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fi ħdan l-oqfsa ta' kooperazzjoni, inkluż il-ħarsien tas-salvagwardji ambjentali, soċjali, tal-art, tax-xoġhol u tad-drittijiet tal-bniedem, u l-ogħla standards ta' trasparenza tul il-pjanijiet ta' investment tagħhom;
- jiżguraw li investituri bbażati fl-UE jimplimentaw politika ta' responsabilità soċjali meta jkunu qed ifasslu l-kuntratti ta' impjeg u ma jisfruttawx il-vantaġġ ekonomiku tagħhom fuq il-ħaddiema mill-komunitajiet lokali;
- jappoġġaw u jsostnu lill-intrapriżi u l-partijiet interessati lokali Afrikani bħala atturi ewlenin u bħala benefiċjarji tal-inizjattivi tal-Alleanza;
- jimplimentaw id-deċiżjoni riċenti tad-WTO biex jiġu eliminati s-sussidji fuq l-esportazzjoni agrikola li qed joħolqu distorsjoni tas-swieq lokali u jeqirdu l-għajxien fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
- jeliminaw l-ostakli tariffarji li jaġixxu bħala diżinċentiv biex il-pajjiżi Afrikani jżidu l-valur tal-prodott mhux maħdum fil-livell lokali;

15. Jappella lill-pajjiżi parteċipanti biex:

- jiżguraw li r-riformi finanzjarji, fiskali jew amministrattivi ma jeżentawx lill-investituri milli jagħmlu kontribut għall-bażi tat-taxxa tal-pajjiżi parteċipanti jew ma jagħtux vantaġġ inġust lill-investituri askapitu tal-operaturi agrikoli zġhar;
- jiżguraw li l-gvernijiet rispettivi tagħhom iżommu d-dritt li jipproteġu s-swieq agrikoli u alimentari tagħhom permezz ta' reġimi tariffarji u fiskali xierqa, li huma ta' bżonn partikolari biex tiġi indirizzata l-ispekulazzjoni finanzjarja u l-evitar tat-taxxa;
- jadottaw politiki li jippromwovu l-kummerċ responsabbli u jimpenjaw ruħhom biex jeliminaw l-ostakli tariffarji li jiskoraġġixxu l-kummerċ reġjonali;

Governanza, sjieda u responsabilità

16. Jiġbed l-attenzjoni għall-impenn li ttieħed mill-partijiet għall-Alleanza sabiex jinkorporaw il-“Linji Gwida Volontarji tal-FAO għas-sostenn tar-realizzazzjoni progressiva tad-dritt għal alimentazzjoni adegwata fil-kuntest tas-sigurtà alimentari nazzjonali”, u jappella lill-partijiet kollha għall-Alleanza biex jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw l-istandards internazzjonali li jiddefinixxu l-investment responsabbli fl-agrikoltura u li jimxu mal-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali;

17. Jisħaq fuq il-fatt li jehtiegħ li l-Alleanza tintensifika l-governanza tajba fir-rigward tar-riżorsi naturali, b'mod partikolari billi tiggarrantixxi li n-nies ikollhom aċċess għar-riżorsi proprji tagħhom u billi tħarsilhom drittijietom fil-kuntest tal-kuntratti dwar it-tranżazzjonijiet relatati mar-riżorsi naturali;

18. Jappella lill-UE biex taħdem man-NU sabiex il-pajjiżi kollha jadottaw, fuq bażi vinkolanti, il-Karta ta' Milan u l-impenji li tinkludi;
19. Jenfasizza kemm huma importanti r-regolamentazzjoni tal-ilma u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għall-agrikoltura sostenibbli; jappella lis-sħab kollha fl-Alleanza biex jiffokaw fuq it-titjib tal-aċċess għall-ilma u għal tekniki li jinvolvu l-irrigazzjoni u jintensifikaw il-protezzjoni ambjentali u l-konservazzjoni tal-ħamrija;
20. Jappella lill-UE biex taħdem man-NU favur l-adozzjoni u d-disseminazzjoni tal-Patt ta' Milan dwar il-Politika Alimentari Urbana;
21. Jappella lill-pajjiżi parteċipanti biex jimpenjaw ruħhom favur l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali li jirregolaw l-investment permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, waqt li jinkorporaw il-Qafas u l-Linji Gwida tal-UA għall-Politika dwar l-Art fl-Afrika u l-Prinċipji Gwida dwar l-Investimenti f'Art fuq Skala Kbira fl-Afrika;
22. Jappella biex jiġu ppubblikati kompletament l-ittri ta' intenzjoni kollha fl-Oqfsa ta' Kooperazzjoni għall-Pajjiżi; jišhaq fuq il-ħtieġa għal oqfsa istituzzjonali u ġuridiċi b'saħħithom sabiex tiġi żgurata kondivizzjoni ġusta tar-riskji u l-benefiċċji; jenfasizza li hu kruċjali li jkun hemm parteċipazzjoni attiva min-naħa tas-soċjetà ċivili fi ħdan l-Alleanza b'mod li tiġi intensifikata t-trasparenza u jiġi żgurat li l-għanijiet tagħha jkunu qed jintlaħqu; jirrimarka li jeħtieġ li jitħeġġu d-djalogu u l-konsultazzjoni mal-gruppi kollha tas-soċjetà ċivili;
23. Jiddispjaċih li l-uniku indikatur komuni għall-għaxar oqfsa ta' kooperazzjoni fl-Alleanza huwa l-indiċi "Doing Business" tal-Bank Dinji;
24. Jišhaq fuq il-fatt li l-kumpaniji privati involuti f'inizjattivi ta' żvilupp multilaterali għandhom ikunu responsabbli għal għemilhom; jappella lill-partijiet għall-Alleanza biex, għal dan l-iskop, jissottomettu rapporti annwali dwar l-azzjoni meħuda fil-kuntest tal-Alleanza u biex jipubblikaw dawk ir-rapporti u jagħmluhom aċċessibbli għan-nies u l-komunitajiet lokali, u biex jistabbilixxu mekkaniżmu ta' responsabilità indipendenti, li jkun jinkludi mekkaniżmu ta' appell għall-persuni u l-komunitajiet lokali; jišhaq bl-istess mod li jeħtieġ li l-investment mill-Alleanza li jaffettwa d-drittijiet għal art ikun soġġett għal studju indipendenti minn qabel tal-impatt fuq id-drittijiet għal art u jkun konformi mal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar Governanza Responsabbli tad-Dritt għaż-Żamma tal-Art, iż-Żoni tas-Sajd u l-Foresti;
25. Jinnota li l-kumpaniji multinazzjonali li joperaw fi ħdan l-Alleanza jiffavorixxu biedja kuntrattwali fuq skala kbira, u li hemm ir-riskju li, minħabba f'hekk, il-produtturi fuq skala żgħira jiġu emarġinati; jappella lill-għaxar stati Afrikani li qed jipparteċipaw fl-Alleanza biex jiżguraw li l-biedja kuntrattwali tkun ta' benefiċċju kemm għax-xerrejja u kemm għall-fornituri lokali; iqis għal dan l-għan li hu kruċjali li jissaħħu, pereżempju, l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa sabiex tittejjeb il-pożizzjoni negozjattiva tal-bdiewa;
26. Jevidenza li s-settur privat diġà qed jiġġenera 90 % tal-impjeggi fil-pajjiżi sħab u li l-potenzjal għall-partiċipazzjoni mis-settur privat ma jistax jiġi miċħud, peress li l-kumpaniji privati qegħdin fil-pożizzjoni ideali biex jipprovdu bażi sostenibbli għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, li tifforma l-bażi ta' kwalunkwe programm ta' għajnuna; jissottolinja l-importanza ta' qafas regolatorju trasparenti li jstabbilixxi b'mod ċar id-drittijiet u l-obbligi tal-atturi kollha, inklużi dawk tal-bdiewa f'qar u l-gruppi vulnerabbli, peress li mingħajr qafas ta' dan it-tip, dawn id-drittijiet ma jstgħux jiġu protetti b'suċċess;
27. Jappella biex l-Oqfsa ta' Kooperazzjoni għall-Pajjiżi jiġu riveduti sabiex jindirizzaw b'mod effikaċi r-riskji tal-biedja kuntrattwali u l-iskemi ta' sħubija kuntrattwali bejn il-kultivaturi u x-xerrejja (out-grower schemes) għall-produtturi fuq skala żgħira billi jiżguraw dispożizzjonijiet kuntrattwali ġusti, inklużi arranġamenti ta' prezzar, rispettt għad-drittijiet tan-nisa, appoġġ għall-agrikoltura sostenibbli u mekkaniżmi adattati għar-riżoluzzjoni tat-tilwim;

L-aċċess għall-art u s-sigurtà tad-dritt għaż-żamma tagħha

28. Iwissi li, jekk l-attenzjoni tiġi ffukata biss fuq l-għoti ta' titoli għal art, spiss twassal għal nuqqas ta' sigurtà għall-produtturi tal-ikel fuq skala żgħira u għall-popli indiġeni, b'mod speċjali n-nisa, li m'għandhomx rikonoxximent legali tad-drittijiet tagħhom għal art u huma vulnerabbli għal tranżazzjonijiet inġusti rigward art, esproprjazzjoni mingħajr kunsens jew nuqqas ta' kumpens ġust;

It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2016

29. Jissottolinja l-ħtieġa li, fil-pożizzjonijiet ewlenin, ikun hemm produtturi tal-ikel fuq skala żgħira, b'mod li l-organizzazzjonijiet indipendenti tagħhom stess ikunu jistgħu jappoġġawhom fil-kontroll tal-art, ir-riżorsi naturali u l-programmi tagħhom;
30. Jinnota bi tħassib li l-investituri u l-elit lokali involuti fi tranżazzjonijiet ta' art spiss jiddeskrivu l-inħawi li qed jimmiraw għalihom bħala "battala", "fiergħa" jew "sottoutilizzati", però ma tantx hemm art fl-Afrika li hi verament fiergħa, minħabba, pereżempju, il-prevalenza ta' attivitajiet pastorali;
31. Jevidenzja l-fatt li 1,2 biljun persuna jew għadhom qed jgħixu mingħajr aċċess permanenti għal art jew inkella qegħdin jokkupaw proprjetà li għaliha m'għandhom l-ebda pretensjoni formali, mingħajr titoli legali, mingħajr perizji ta' delimitazzjoni għal artijiethom u mingħajr il-mezzi ġuridiċi jew finanzjarji biex jikkonvertu l-proprjetà f'kapital;
32. Jilqa' l-inklużjoni tal-Linji Gwida Volontarji tal-2012 dwar Governanza Responsabbli tad-Dritt għaż-Żamma tal-Art, iż-Żoni tas-Sajd u l-Foresti fl-Oqfsa ta' Kooperazzjoni għall-Pajjiżi kollha; jappella biex ikun hemm implimentazzjoni effikaċi u valutazzjoni sistematika tal-konformità ma' dawn il-Linji Gwida Volontarji fil-proċess ta' rieżami għall-Oqfsa ta' Kooperazzjoni għall-Pajjiżi;
33. Jisħaq fuq il-fatt li l-Alleanza għandha tiffoka fuq il-ġlieda kontra l-ħtif tal-art, li jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-bniedem peress li jċaħħad lill-komunitajiet lokali mill-art li fuqha jiddependu biex jipproduċu l-ikel u jitimgħu lill-familji tagħhom; jirrimarka li, f'għadd ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-ħtif tal-art ċaħħad lin-nies minn ħidmiethom u l-mezzi ta' għajxien tagħhom, u gēgħilhom jitolqu minn djarhom;
34. Jappella lill-pajjiżi parteċipanti biex:
- jiżguraw arranġamenti parteċipatorji u inklużivi li jipprioritizzaw id-drittijiet, il-ħtiġijiet u l-interessi tad-detenturi leġittimi ta' drittijiet għal art, b'mod partikolari l-operaturi agrikoli żgħar u l-bdiewa familjari żgħar; jiżguraw, b'mod partikolari, li jinkiseb il-kunsens liberu, minn qabel u informat minn kwalunkwe komunita'/mill-komunitajiet kollha li jgħixu fuq art li s-sjieda tagħha u/jew il-kontroll fuqha jkunu qed jiġu ttrasferiti;
 - jadottaw miżuri nazzjonali vinkolanti kontra l-ħtif tal-art, il-korruzzjoni bbażata fuq it-trasferiment tal-art u l-użu tal-art għal investiment spekulattiv;
 - jissorveljaw l-għoti ta' titoli għal art u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni sabiex jiżguraw li jkunu trasparenti u li ma jikkonċentrawx is-sjieda tal-art jew iċaħħdu lill-komunitajiet mir-riżorsi li jiddependu fuqhom;
 - jiżguraw li l-assistenza finanzjarja ma tintużax biex tappoġġa inizjattivi li jippermettu li l-kumpaniji jispostaw lill-komunitajiet lokali;
 - jirrikonoxxu d-drittijiet leġittimi kollha għall-art u jiżguraw iċ-ċertezza legali fuq id-drittijiet għal art, inklużi d-drittijiet informali, indiġeni u konswetudinarji għaż-żamma ta' art; kif jirrakkomandaw il-Linji Gwida Volontarji tal-2012 tal-FAO, jippromwovu liġijiet ġodda u/jew jinforzaw b'mod effikaċi l-liġijiet eżistenti li jqiegħdu salvagwardji effikaċi fuq it-tranżazzjonijiet ta' art fuq skala kbira, bħal pereżempju limiti massimi fuq it-tranżazzjonijiet ta' art permissibbli, u jirregolamentaw il-bażi li fuqha t-trasferimenti li jaqzbu ċerta skala għandhom jiġu approvati mill-parlamenti nazzjonali;
 - jiżguraw li l-prinċipju ta' kunsens liberu, minn qabel u informat jiġi osservat għall-komunitajiet kollha milquta mill-ħtif tal-art u li jsiru konsultazzjonijiet biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali tal-gruppi tal-komunita' lokali kollha, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar vulnerabbli u emarġinati;
35. Ifakkar ukoll li d-drittijiet tal-utenti derivati mid-dritt konswetudinarju għaż-żamma ta' art għandhom jiġu rikonoxxuti u protetti minn sistema ġuridika bi qbil mad-dispożizzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli;
36. Jappella biex l-Alleanza tiġi soġġetta għal studju tal-impatt *ex ante* fir-rigward tad-drittijiet għal art u tkun tiddependi fuq il-kunsens liberu, minn qabel u informat min-naħa tan-nies lokali milquta;
37. Jappoġġa mekkaniżmu ta' monitoraġġ robust u innovattiv fi ħdan il-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija; jappella lill-UE biex tibni pożizzjoni qawwija, b'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod li tikkontribwixxi għall-avveniment ta' monitoraġġ globali matul it-43 sessjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija li se ssir f'Ottubru 2016, b'mod li tiżgura valutazzjoni komprensiva u eżawrjenti tal-użu u l-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar id-Dritt għaż-Żamma ta' Art;

38. Jappella lill-gvernijiet tal-pajjiżi kkonċernati biex jiżguraw li d-ditti janalizzaw bir-reqqa l-impatt tal-attivitajiet tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem (id-diliġenza dovuta) billi jwettqu u jipubblikaw valutazzjonijiet indipendenti minn qabel tal-impatt tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem, soċjali u ambjentali, u billi jtejbu u jiżguraw l-aċċess għal proċessi dwar l-ilmenti domestiċi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu indipendenti, trasparenti, affidabbli u li jistgħu jiġu appellati;

39. Jappella lill-partijiet kollha għall-Alleanza biex jimplementaw mekkaniżmi indipendenti ta' rikors għal dawk il-komunitajiet li arthom tkun ġiet esproprjata bħala riżultat ta' proġetti ta' investment fuq skala kbira;

40. Ifakkar li l-għieda kontra l-malnutrizzjoni tirrikjedi kollegament mill-qrib tas-setturi tal-agrikoltura, l-ikel u s-saħħa pubblika;

Is-sigurtà alimentari, in-nutrizzjoni u l-biedja familjari sostenibbli

41. Ifakkar fil-ħtieġa li jsir kull sforz possibbli biex ikun hemm titjib fin-nutrizzjoni u s-sigurtà alimentari u biex jiġi miġġieled il-ġuħ, kif inhu stabbilit fl-SDG 2; jinsisti biex jinġhata appoġġ aħjar għall-awtonomizzazzjoni tal-kooperattivi tal-bdiewa, li huma kruċjali għall-iżvilupp agrikolu u s-sigurtà alimentari;

42. Jinnota li l-istabilità tkun oġhla u l-emigrazzjoni tkun aktar baxxa fejn ikun hemm sigurtà alimentari bbażata fuq tipi ħajjin u fsaħħithom ta' ħamrija u fuq agroekosistemi produttivi li jkunu reżiljenti għat-tibdil fil-klima;

43. Jenfasizza li hu essenzjali li jkun hemm nutrizzjoni ta' kwalità għolja u bilanċjata, u jafferma li n-nutrizzjoni għandha tkun fil-qalba tal-bini (mill-ġdid) tas-sistemi alimentari;

44. Jappella, għalhekk, għal mezz biex id-dipendenza żejda fuq l-ikel importat tiġi sostitwita bi produzzjoni alimentari domestika reżiljenti, filwaqt li tingħata prijorità lill-uċuħ lokali li jissodisfaw ir-rekwiżiti nutrittivi; jinnota li dan qed isir dejjem aktar importanti hekk kif il-klimi u s-swieq qegħdin isiru dejjem aktar volatili;

45. Ifakkar li l-konsum tal-enerġija waħdu ma jistax jintuża biex jindika l-istatus nutrittiv;

46. Jenfasizza l-ħtieġa ta' strateġiji biex tiġi minimizzata l-ħela tal-ikel tul il-katina alimentari;

47. Jišhaq fuq il-ħtieġa li titħares il-bijodiversità agrikola; jappella lill-Istati Membri tal-UE biex jinvestu fi Prattiki ta' Biedja Agroekoloġika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bi qbil mal-konklużjonijiet tal-IAASTD, mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporteur speċjali tan-NU dwar id-dritt għall-ikel u mal-SDGs;

48. Jappoġġa l-iżvilupp ta' politiki li jwasslu għal biedja familjari sostenibbli u l-inkoraġġiment għall-gvernijiet biex jistabbilixxu ambjent propizju (politiki favorevoli, leġiżlazzjoni adegwata, ippjanar parteċipatorju għal djalogo politiku, investimenti) għall-iżvilupp tal-biedja familjari;

49. Jappella lill-gvernijiet Afrikani biex:

— jinvestu fis-sistemi alimentari lokali biex jagħtu spinta lill-ekonomiji rurali u jiżguraw impjeġi deċenti, xbieki ta' sikurezza soċjali ekwi u drittijiet lavorattivi, biex itejbu l-arranġamenti għall-iskrutinju demokratiku fuq l-aċċess għar-riżorsi, inklużi ż-żrieragħ tal-bdiewa, u biex jiżguraw l-involviment effikaċi tal-produtturi fuq skala żgħira fil-proċessi u l-implimentazzjoni politiki; jišhaq b'mod partikolari fuq il-fatt li jeħtieġ li l-Alleanza tinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' industrij tal-ipproċessar domestiċi fis-settur agrikolu u t-titjib tat-tekniki għall-ħżin tal-ikel, u li jeħtieġ li ssaħħaħ il-kollegament bejn l-agrikoltura u l-kummerċ sabiex jiġu żviluppanti s-swieq lokali, nazzjonali u reġjonali li jibbenefikaw lill-bdiewa familjari u jipprovdu ikel ta' kwalità għall-konsumatur bi prezzijiet aċċessibbli;

— jevitaw li jagħmlu s-sistemi ta' produzzjoni tal-ikel dipendenti wisq fuq il-karburanti fossili, bl-għan li jillimitaw il-volatilità tal-prezzijiet u jtaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima;

It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2016

- jiżviluppaw ktajjen ta' provvista alimentari qosra fil-livelli lokali u reġjonali, u infrastruttura xierqa għall-ħżin u għall-komunikazzjoni b'dan l-għan, peress li l-ktajjen ta' provvista qosra huma l-aktar effikaċi fil-għieda kontra l-ġuħ u l-faqar rurali;
 - jiffaċilitaw l-aċċess min-naħa tal-bdiewa Afrikani għal soluzzjonijiet teknoloġiċi li ma jkunux wisq għalja għalihom u li jużaw ammont baxx ta' fatturi produttivi għall-isfidi agronomiċi speċifiċi għall-Afrika;
 - jinkoraġġixxu varjetàestensiva ta' wċuħ alimentari nutrittivi, lokali u, sa kemm ikun possibbli, staġunali, preferibilmment varjetajiet u speċijiet adattati lokalment jew indiġeni, inklużi frott, ħxejjex u ġewż, sabiex itejbu n-nutrizzjoni permezz ta' aċċess kontinwu għal dieta varjata, bnina u bi prezz aċċessibbli, li tkun adegwata f'termini tal-kwalità, il-kwantità u d-diversità, u mhux biss f'termini ta' konsum ta' kaloriċi, u li tkun konsistenti mal-valuri kulturali;
 - jimpenjaw ruħhom favur l-implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tas-Sostituti tal-Ħalib tal-Omm u r-risoluzzjonijiet adottati mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa dwar in-nutrizzjoni tat-trabi u tat-tfal żgħar;
 - jistabbilixxu, jipromwovu u jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, bħal pereżempju l-kooperattivi li jsaħħu l-pożizzjonijiet negozjattivi tal-bdiewa ż-żgħar, biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat li s-swieq jirremuneraw aħjar lill-bdiewa żgħar, u li jippermettu l-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-aħjar Prattiki bejn il-bdiewa żgħar;
50. Jisħaq fuq il-fatt li jeħtieġ li l-Alleanza twassal għall-istabbiliment ta' struttura agrikola adattata għar-reġjun fl-istadji primarji u tal-ipproċessar;
51. Jappella lill-gvernijiet Afrikani biex irawmu s-solidarjetà interġenerazzjonali u jirrikonoxxu r-rwol kruċjali li tiżvolġi fil-għieda kontra l-faqar;
52. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu promossi l-programmi ta' edukazzjoni nutrittiva fl-iskejjel u l-komunitajiet lokali;
53. Jisħaq fuq il-fatt li d-dritt għall-ilma jmur id f'id mad-dritt għall-ikel, u li r-risoluzzjoni tan-NU tal-2010 għadha ma rriżultatx f'azzjoni deċiżiva biex id-dritt għall-ilma jiġi stabbilit bħala dritt tal-bniedem; jappella lill-UE biex tikkunsidra l-proposta għal protokoll fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali li ressaq il-Kumitat Taljan għal Kuntratt Dinji dwar l-Ilma;
54. Jirrikonoxxi r-rwol vitali li għandu l-aċċess għall-ilma għax-xorb nadif u l-impatt li l-biedja jista' jkollha fuqu;
55. Jirrikonoxxi r-rwol tal-aċċess għall-ilma għall-ħtiġijiet agrikoli, u r-riskji ta' dipendenza żejda fuq l-ilma prezzjuż għall-irrigazzjoni, kif ukoll jinnota, fid-dawl ta' dan, il-ħtieġa li jitnaqqsu l-prattiki ta' irrigazzjoni ħalja u jisħaq fuq ir-rwol li jistgħu jiżvolgħu t-tekniki agronomiċi li jikkonservaw l-ilma fil-prevenzjoni tal-evapotraspirazzjoni, fiż-żamma tal-ilma f'ħamrija ħajja u f'saħħitha u fil-ħarsien tas-sorsi tal-ilma għax-xorb mit-tniġġis;
56. Jinnota li ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija tista' żżid il-produzzjoni alimentari dinjija b'rata li tilħaq it-58 %⁽¹⁾;
57. Jinnota s-sinerġiji bejn l-approċċi bbażati fuq il-ħamrija u dawk ibbażati fuq is-siġar u l-importanza li l-agroekosistemi jiġu adattati għat-tibdil fil-klima; jinnota b'mod speċjali d-domanda kbira għall-ħatab; jinnota b'mod partikolari d-diversi tipi ta' użu li għandhom is-siġar li jikkonvertu in-nitroġenu għal forma assimilabbli minn organiżmi oħra;
58. Jirrikonoxxi l-ħtiġijiet speċifiċi tal-agrikoltura tropikali u semiarida, b'mod speċjali fir-rigward tal-uċuħ li jeħtieġu d-dell mix-xemx u l-protezzjoni tal-ħamrija, u jikkunsidra li l-monokulturi estrattivi għadda żmienhom, filwaqt li jinnota wkoll li qed jiġri dejjem aktar li dawn jiġu gradwalment eliminati fil-pajjiżi donaturi tal-Alleanza;
59. Twissi kontra d-dipendenza eċċessiva fuq il-produzzjoni ta' prodotti bażiċi agrikoli mhux alimentari minflok tal-ikel, b'mod partikolari l-materja prima għall-bijokarburanti, fl-inizjattivi ffinanzjati mill-Alleanza, fejn il-produzzjoni ta' tali prodotti bażiċi jista' jkollha impatt dannuż fuq is-sigurtà alimentari u fuq is-sovranià alimentari tal-pajjiżi parteċipanti;

⁽¹⁾ FAO, Sħubija Globali tal-Ħamrija.

60. Jinnota li t-tekniki agronomiċi – l-għoti ta' spinta lill-proċessi naturali bħall-formazzjoni tal-ħamrija tal-wiċċ, ir-regolazzjoni tal-ilma u tal-organiżmi ta' ħsara jew iċ-ċiklu tas-sustanzi nutrittivi f'ċirkwit magħluq – jistgħu jassiguraw il-produttività u l-fertilità fit-tul bi prezz baxx għall-bdiewa u għall-amministrazzjonijiet;
61. Jinnota li s-sustanzi agrokimiċi jistgħu jintużaw iżżejjed kif ukoll jintużaw b'mod mhux xieraq fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bħalma huma dawk li qed jipparteċipaw fl-Alleanza;
62. Jinnota li din is-sitwazzjoni tiġi aggravata minħabba l-illiteriżmu u n-nuqqas ta' taħriġ adegwat, u tista' twassal biex ikun hemm livelli elevati ħafna ta' residwi ta' pestiċidi fi frott u ħaxix frisk, kif ukoll biex il-bdiewa u l-familji tagħhom jiġu avvelenati jew ikollhom impatti oħra fuq saħħithom;

Riforma regolatorja fis-settur taż-żrieragħ

63. Ifakkar li d-dritt tal-bdiewa li jipproduċu, jiskambjaw u jbiegħu ż-żrieragħ b'mod liberu jirfed 90 % tal-għajxien mill-agrikoltura fl-Afrika, u li d-diversità taż-żrieragħ hi vitali fil-bini tar-reżiljenza tal-biedja għat-tibdil fil-klima; jisħaq fuq il-fatt li jeħtieġ li t-talbiet korporattivi biex id-drittijiet tan-nissela tal-pjanti jissaħħu bi qbil mal-Konvenzjoni tal-UPOV tal-1991 ma jirriżultawx fil-projbizzjoni tal-arranġamenti informali ta' dan it-tip;
64. Jinnota l-perikli ta' deregolamentazzjoni tas-settur taż-żrieragħ fil-pajjiżi parteċipanti, li tista' twassal biex l-operaturi agrikoli żgħar isiru dipendenti wisq fuq iż-żrieragħ u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti manifatturati minn kumpaniji barranin;
65. Ifakkar li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS li jappellaw għal xi forma ta' protezzjoni għall-varjetajiet tal-pjanti ma tobbligax lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jadottaw ir-reġim UPOV; jisħaq fuq il-fatt li dawn id-dispożizzjonijiet, madankollu, jippermettu li l-pajjiżi jiżviluppaw sistemi *sui generis* li jkunu adattati aħjar għall-karatteristiċi tal-produzzjoni agrikola ta' kull pajjiż u għas-sistemi taż-żrieragħ tal-bdiewa tradizzjonali, filwaqt li l-pajjiżi l-anqas żviluppatti li huma partijiet għad-WTO huma eżentati milli jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ikkonċernati tal-Ftehim TRIPS; jenfasizza li s-sistemi *sui generis* iridu jkunu ta' appoġġ għall-oġettivi u l-obbligi li jeżistu taħt il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Protokoll ta' Nagoya u t-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u Agrikoltura u mhux imorru kontribom;
66. Jiddeplora l-appell korporattiv għall-armonizzjoni tal-liġijiet dwar iż-żrieragħ abbażi tal-prinċipji ta' distintività, uniformità u stabbiltà fil-kuntest Afrikan permezz tal-istituzzjonijiet reġjonali, li se xxekkel l-iżvilupp u t-tkabbir tas-sistemi taż-żrieragħ tal-bdiewa fil-livelli nazzjonali u reġjonali, peress li tali sistemi normalment la jnisslu u lanqas jikkonservaw żrieragħ li jissodisfaw il-kriterji ta' distintività, uniformità u stabbiltà;
67. Ihegġegħ lill-istati membri tal-G7 biex jappoġġaw lis-sistemi taż-żrieragħ tal-bdiewa tal-Komunità permezz ta' banek ta' żrieragħ fil-livell tal-komunitajiet;
68. Ifakkar li, filwaqt li l-varjetajiet ta' żrieragħ kummerċjali jistgħu jtejbju r-rendiment fuq żmien qasir, il-varjetajiet tradizzjonali tal-bdiewa, ir-razez lokali u l-għarfien assoċjat magħhom huma l-aktar xierqa biex jiġu adattati għall-ambjenti agroekoloġiċi speċifiċi u t-tibdil fil-klima; jisħaq fuq il-fatt li, barra minn hekk, ir-rendiment akbar tagħhom jiddependi fuq l-użu ta' fatturi produttivi (fertilizzanti, pestiċidi, żrieragħ ibridi) li jgħorru magħhom ir-riskju li l-bdiewa jiġu intrappolati f'ċirku vizzjuż ta' dejn;
69. Jinnota bi tħassib li l-introduzzjoni u t-tifrix ta' żrieragħ iċċertifikati fl-Afrika qed iżidu d-dipendenza tal-operaturi agrikoli żgħar, iżidu il-probabbiltà li jispiċċaw midjuna u jnawru d-diversità taż-żrieragħ;
70. Jargumenta favur l-għoti ta' appoġġ lill-politiki lokali mmirati biex jiżguraw aċċess konsistenti u sostenibbli għal dieta varjata u nutrittiva, skont il-prinċipji tas-sjieda u s-sussidjarjetà;
71. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li l-impenji li ħadet l-UE favur id-drittijiet tal-bdiewa taħt it-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u Agrikoltura jiġu riflessi fl-assistenza teknika u l-appoġġ finanzjarju kollha għall-iżvilupp tal-politika dwar iż-żrieragħ; jappella lill-UE biex tappoġġa l-iskemi tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali li jgħawwu l-iżvilupp ta' varjetajiet ta' żrieragħ adattati lokalment u żrieragħ ikkonservati mill-bdiewa;

It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2016

72. Ihegġegħ lill-istati membri tal-G8 ma jappoġġawx l-uċuħ ġenetikament modifikati fl-Afrika;
73. Ifakkar li l-Mudell tal-Liġi Afrikana dwar il-Bijosikurezza jistabbilixxi parametru ta' riferiment għoli fir-rigward tal-bijosikurezza; jemmaen li l-assistenza kollha minn donaturi barranin fl-iżvilupp tal-bijosikurezza fil-livelli nazzjonali u reġjonali għandha għaldaqstant tkun koerenti ma' dan il-qafas;
74. Ihegġegħ lill-pajjiżi Afrikani jimplementaw reġimi dwar il-bijosikurezza fil-livell nazzjonali jew reġjonali bi standards aktar baxxi minn daww stipulati fil-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza;
75. Jappella lill-pajjiżi parteċipanti biex jagħtu lill-bdiewa l-għażla li jevitaw id-dipendenza fuq il-fatturi produttivi, u biex jappoġġaw is-sistemi taż-żrieragħ tal-bdiewa b'mod li l-agrobiodiversità tiġi ppreżervata u tittejjeb billi jkun hemm banek ta' żrieragħ fil-livell lokali b'sjeda pubblika, skambji u żvilupp kontinwu tal-varjetajiet ta' żrieragħ lokali, speċifikament billi tiġi pprovdata flessibilità fir-rigward tal-katalgi taż-żrieragħ sabiex ma jiġux esklużi l-varjetajiet tal-bdiewa u jiggarrantixxu t-tkomplija tal-prodotti tradizzjonali;
76. Jappella lill-pajjiżi parteċipanti biex jissalvagwardjaw u jippromwovu l-aċċess għaż-żrieragħ u l-fatturi produttivi agrikoli għall-operaturi agrikoli żgħar, il-gruppi emarġinati u l-komunitajiet rurali, kif ukoll l-iskambju tagħhom, u biex jirrispettaw il-ftehimiet internazzjonali dwar il-fatt li l-ħajja u l-proċessi bijoloġiċi ma jistgħux jiġu protetti bi privattiva, speċjalment fejn huma kkonċernati l-ispeċijiet u r-razez nattivi;
77. Jišhaq fuq ir-riskju li tiżdied l-emarġinazzjoni tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jirriżultaw mill-iżvilupp ta' ċerti wċuħ kummerċjali; jinnota li t-taħriġ agrikolu spiss jiġi mmirat lejn l-irġiel u jbarri lin-nisa, li b'hekk isibu ruħhom esklużi mill-ġestjoni tal-artijiet u tal-uċuħ tar-raba li tradizzjonalment kienu jieħdu ħsieb;

Is-sessi

78. Jiddispaċiħ li l-Oqfsa ta' Kooperazzjoni għall-Pajjiżi fil-biċċa l-kbira ma jiddefinixxux impenji preċiżi fir-rigward tal-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri fl-ibbaġitjar u lanqas jissorveljaw il-progress permezz ta' data diżaggregata; jišhaq fuq il-ħtieġa għal tranżizzjoni minn impenji astratti u ġenerali għal oħrajn konkreti u preċiżi fl-ambitu tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex in-nisa jingħataw setgħa bħala detenturi ta' drittijiet;
79. Ihegġegħ lill-gvernijiet jeliminaw id-diskriminazzjoni kollha kontra n-nisa f'termini tal-aċċess għall-art u għall-iskemi u s-servizzi ta' mikroreditu, u jinvolvu lin-nisa b'mod effikaċi fid-disinn u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar ir-riċerka u żvilupp agrikoli;

L-iffinanzjar tal-investiment agrikolu fl-Afrika

80. Jišhaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza ta' kull finanzjament mogħti lill-kumpaniji tas-settur privat u li tali finanzjament irid isir pubbliku;
81. Jappella lid-donaturi biex jallinjaw l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) mal-prinċipju tal-effikaċja tal-iżvilupp, jiffokaw fuq ir-riżultati bl-għan li jeqirdu l-faqar, u jippromwovu s-šhubbji inklużivi, it-trasparenza u r-responsabilità;
82. Jappella lid-donaturi biex jiddiriegħu l-appoġġ tagħhom għall-iżvilupp agrikolu primarjament mill-fondi ta' żvilupp nazzjonali li jagħtu sussidji u self lill-operaturi agrikoli żgħar u l-biedja familjari;
83. Ihegġegħ lid-donaturi jappoġġaw l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-konsulenza teknika għall-bdiewa;
84. Jappella lid-donaturi biex jippromwovu l-formazzjoni ta' organizzazzjonijiet għall-bdiewa ta' natura professjonali u ekonomika, u biex jappoġġaw it-twaqqif ta' kooperattivi tal-bdiewa li jippermettu l-forniment ta' mezzi ta' produzzjoni bi prezz aċċessibbli u jgħinu lill-bdiewa jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom b'mod li jissalvagwardja l-profittabilità tal-produzzjoni tagħhom;
85. Jemmaen li l-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri tal-G8 lill-Alleanza jmur kontra l-għan ta' appoġġ għall-kumpaniji lokali domestiċi li ma jistgħux jikkompetu mal-kumpaniji multinazzjonali li diġà jibbenefikaw minn pożizzjoni dominanti fis-suq u spiss jingħataw privileġġi kummerċjali, tariffarji u fiskali;
86. Ifakkar li l-iskop tal-għajnuna għall-iżvilupp hu li tnaqqas, u fl-aħħar mill-aħħar teqred, il-faqar; jemmaen li l-ODA għandha tiffoka fuq l-appoġġ dirett għall-biedja fuq skala żgħira;

It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2016

87. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata ħaġġa ġdida lill-investiment pubbliku fl-agrikoltura Afrikana, filwaqt li jiġi pprovdut appoġġ għall-investiment privat u tingħata prijorità lill-investiment fl-agroekoloġija, sabiex tiżdied b'mod sostenibbli s-sigurtà alimentari u jitnaqqsu l-faqar u l-ġuħ filwaqt li tiġi preżervata l-bijodiversità u jiġu rispettati l-ġharfien u l-innovazzjoni indiġeni;

88. Jisħaq fuq il-fatt li l-istati membri tal-G7 għandhom jiggarantixxu d-dritt lill-pajjiżi Afrikani li jipproteġu s-setturi agrikoli tagħhom permezz ta' reġimi tariffarji u fiskali li jiffavorixxu l-biedja familjari u l-operazzjonijiet agrikoli żgħar;

89. Jappella lill-UE biex tindirizza n-nuqqasijiet kollha tal-Alleanza deskritti hawn fuq, taġixxi biex issaħħaħ it-trasparenza u l-governanza tagħha, u tiżgura li l-azzjonijiet li jittieħdu fi ħdanha jkunu konsistenti mal-oġġettivi tal-politika dwar l-iżvilupp;

o

o o

90. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-partijiet għall-Alleanza.
